# Pentekoste




**The Holy Spirit is descended**

**from heaven to earth!**

**"Once, when He descended and confounded the tongues, the Most High divided the nations. But at Pentecost when He divided the tongues of fire, He called all men into unity. And now with one accord we glorify the All-Holy Spirit."**

**(Hymn of Pentecoste. Orthodox Church )**

Seg.Katek. Adolexxenti

**<u>Daħla</u>**

Qed nippreżentaw riżorsa ta' laqgħat f'forma ta' mixja lejn il-ġrajja u l-festa ta' Pentekoste kif wkoll dwar ir-relevanza tal-Ispirtu Santu : Persuna Alla fil-ħajja tal-adolexxenti.

**Il-għanijiet ta' din ir-riżorsa huma:**

- **li l-adolexxenti jkollhom aktar esperjenza ħajja tal-ġrajja u t-tifsira ta' Pentekoste fil-mixja nisranija tagħhom.**
- **Il-frott tal-ispirtu f'ċsintezi bejn fidi u ħajja, kif jistgħu jiġu mgħajjxa fis-soċjeta' li fiha jappartienu l-adolexxenti illum.**

Forsi wieħed jasal biex isaqsi: sa nerġgħu nitkellmu minn Pentekoste u mill-Ispirtu Santu hekk kif dawn l-adolexxenti ftit taż-żmien ilu għamlu l-Ġrizma tal-Isqof ? Fil-waqt li wieħed għandu raġun, pero' l-ħajja hija proċess, dak li tagħallmu bi tħejjija għas-Sagrament tal-Griżma tal-Isqof, issa li qegħdin jikbru jinħtieġ li dak kollu li dwaru għandhom għarfien bażiku jibda jsir esperjenza. Bl-intellet biss il-bniedem ma jagħrafx lil Alla, jinħtieġ li jkollu esperjenza tiegħu, jinħtieġ li jħossu f'qalbu ! Mhux kulħadd jgħaddi mill-esperjenza fl-istess zmien u bl-istess mod, għalhekk fil-każ tal-mixja fil-fidi mal-adolexxenti huwa meħtieġ li wieħed jgħinhom billi jixprunhom, billi joffrilhom sfidi li permezz tagħhom huma jaraw aktar biċ-ċar is-sintezi li teżisti bejn il-fidi /reliġjon tagħna u l-għixien tal-ħajja ta'kuljum. Hija parti mill-proċess tal-maturita' umana, psikoloġika u dik reliġjuża li l-adolexxenti fl-iżvillup tagħhom jagħmlu distinzzjoni bejn dak li jemmnu u l-mod ta' ħajja. Imma hija fil-kompitu tal-katekeżi li toffri dehra ċara li l-katekeżż : l-messaġġ tal-Bxara t-Tajba, huwa parti integrali fil-ħajja tal-bniedem u mhix xi ħaġa tal-intellett biss hekk li rari jsir esperjenza.

Mela, f'din ir-riżorsa sa nsibu tagħrif dwar il-festa/ġrajja ta' Pentekoste, it-tifsira u r-relevanza ta' Pentekoste fit-twemmin nisrani adattat għall-żmien ta' l-adolexxenza, kif wkoll riflessjonijiet, sfidi u spazju għall-diskussjonijiet dwar : il-Knsija f'Pentekoste u wara Pentekoste; l-adolexxent u l- Knisja llum.

Din ir-riżorsa hija 'guidelines' għall-Operaturi Pastorali, għalhekk wieħed jadatta din ir-riżorsa għall-ħtiġijiet tal-grupp tiegħu. Inħallu f'idejn il-Operaturi Pastorali u l-adolexxenti sabiex jimirħu fil-kreattivita' tagħhom f'dak li għandu x'jaqsam ma' pedagoġija.

Seg. Katekezi Sezzjoni Adolexxenti

**Tagħrif dwar Penetekoste**




## 1. Pentekoste: tifsira u oriġni

Din il-festa, li bil-malti tissejjaħ Għid il-Ħamsin, li tiġi ċċelebrata b'solennita' kbira fil-reliġjon nisranija, tissejjaħ hekk għaliex tiġi ħamsin jum ( 50) wara l-Għid il-Kbir.

Din il-festa, li tissejjaħ ukoll ' il-festa tal-ġimgħat' taf il-bidu tagħha bħala festa Lhudija. Kienet tiġi ċċelebrata ħamsin jum, jew sebat ġimgħat wara t-tiflira tal-Ħruġ ta' wlied Iżrael mill-Eġittu, ħamsin jum wara l- *Passover*, Lhudi, Ebrajk: *Pesach.*

Fl-Ingilterra Pentekoste jissejjaħ ukoll *Whitsunday* ( White Sunday). Dan minħabba l-libsa l-bajda li kienu jilbsu dawk li jkunu sa jagħmlu l-Griżma tal-Isqof – Sagrament tal-Konfermazzjoni.

Katekeżi Sezzjoni Adolexxenti

## 2. Pentekoste fil-Liturġija wara Konċilju Vatikan II

- Is-Solennita' ta' Pentekoste tagħlaq iż-żmien liturġiku tal-Għid. Wara Pentekoste, il-blandun – ix-xemgħa tal-Għid ( *Easter Candle, Paschal Candle, Christ Candle*) tinżamm fejn il-battisteru – il-fonti tal-Magħmudija. Din x-xemgħa tintuża biss għall- waqt is-sagrament tal-Magħmudija – it-twelid ġdid fi Kristu, u/jew waqt xi funeral- tfakkarna fiċ-ċertezza Kristjana li lkoll għad inqumu mill-imwiet fl-aħħar jum u r-realta` li aħna lkoll ħajja fi Kristu Rxoxt.



- Il-fjamma ta' din ix-xemgħa tissimbolizza lil Ġesu` Kristu d-dawl tad-dinja; il-presenza Tiegħu fost il-poplu.

- **<u>Il-Kulur Liturġiku</u>** ta' Pentekoste huwa **AĦMAR** li jissimbolizza l-ilsna ta' nar li nieżlu fuq l-appostli.( Atti tal-Appostli Kap. 2).



- Wara Pentekoste  l-Knisja, il-komunita' nisranija tiċċelebra tlett festi kbar: It-Trinita Mqaddsa, Corpus Christi ( it-tifkira, il-festa tal-Ġisem u d-Demm ta' Ġesu' Kristu), Il-Festa tal-Qalb ta' Ġesu'.

- Iż-żmien liturġiku minn wara l-festa solenni ta' Pentekoste sakemm jibda l-Avvent, jissejjaħ Żmien  Ordinarju.

keżi Sezzjoni Adolex

**To youth, he said, "With your presence you witness faith in Jesus Christ who calls you to build his Church together with your pastors, each one according to his responsibility. Correspond with generosity to his invitation."      ( Pope Benedict XVI, 05.05. 2010)**

**The influence of the Church on our culture is most tangibly felt through the actual witness of the people of God**. (Bishop Murphy O'Connor)

## Riżorsa Kateketika

1. **Introduzzjoni**

Issir talba tal-bidu u/jew titkanta *song* adattata

2. **Għanijiet ta' din il-laqgħa**

- **Sabiex l-adolexxenti jibdew jgħixu r-realta' li Pentekoste hija ġrajja tal-bieraħ li qed isseħħ illum, jekk l-adolexxent hu lest li jiskopriha !**
- **Li kull adolexxent jirrealizza li Pentekoste huwa għalih ukoll, illum, kull jum !**

3. **Qari Bibbliku:**

**Tinqara bil-mod il-ġrajja ta' Pentekoste mill-Atti ta' l-Appostli Kap. 2: 1-21**

**L-Operatur Pastorali jgħin lill-adolexxenti jidħlu fl-atmosfera u fl-attwalita' ta' Pentekoste:** Nimmaġinaw li aħna l-appostli, imbeżżgħin, imwerwrin għaliex inħossuna waħidna, issa li Ġesu' Kristu telgħa s-sema. Nimmaġinawna ilkoll f'kamra flimkien ma' Marija Omm Ġesu' u hemm qed nitolbu u nistennew li l-wegħda ta' Ġesu` li jibghattilna l-Ispirtu Santu – Ruħ il-Qodos, dak il-Persuna Alla li jgħinna jimliena bil-fidi, bil-kuraġġ u jsaħħaħ il-konvinzjoni tagħna xi darba jasal. Ejja Spirtu Qaddis, Ejja ! Nimmaġinaw kif f'daqqa waħda, f'nofs dik il-ħemda u kwiet kull wieħed minna jħoss qawwa speċjali ġo fih, tgħib il-biża', jissaħaħ il-kuraġġ, tikber l-intensita' tal-konvinzjoni u mimlija ferħ inħossuna ħaġa waħda, komunita` magħquda fil-ħsieb u fl-imħabba ! Nimmaġinawna, ferħanin, tant li ma nistgħux inzommu dan il-ferħ ġewwa fina, irridu naqsmuh mal-oħrajn ! Nimmaġinaw kif dak kollu li tagħllimna għall-tlett snin sħaħ ma' Ġesu' issa bdejna mhux biss nifmhuh aktar imma beda jsir esperjenza. Bdejna nhossu u naraw bil-għajnejn tal-qalb li l-poplu li hemm madwarna għandu għatx għall-verita' u mimlija sensittivita' u mħabba noħorġu qalb il-poplu biex inwasslulhom l-aħbar ta' Ġesu' Kristu**.**

- **Nimmaġinaw dan kollu għall-ftit minuti, nisktu ftit u nieħdu gost b'din il-ġrajja.**

Seg. Katekezi Sezzjoni Adolexxenti

> **The Church – the physical manifestation of Christ on earth; Christ existing in community.**
>
> **( D. Bonhoeffer)**

## 4 Nitgħallmu

**Esperjenza ta' Pentekoste : il-bieraħ u llum !**

Jekk l-Għid il-Kbir – Il-Qawmien mill-mewt tal-Mulej hija l-akbar festa tan-Nisrani; Pentekoste wkoll hija festa/ġrajja kbira ħafna fir-reliġjon tagħna. F'Jum Pentekoste niċċelebraw is-siġill tal-eżistenza uffiċjali tal-komunita' nisranija u tal-Knisja. F'Pentekoste, il-Knisja giet murija mill-Ispirtu Santu.[1]

Dak kollu li Ġesu' għallem lil appostli matul it-tlett snin li dam magħhom; bil-miġja tal-Ispirtu Santu, li jissejjaħ ukoll Ruħ il-Qodos; liema Spirtu Ġesu' stess kien wiegħed lill- appostli li ser jibgħatulhom; dan l-Ispirtu Qaddis, imliehom bl-enerġija qaddisa sabiex ixandru u jagħtu xhieda ta' dak kollu li għallem Ġesu'.

Nhar Pentekoste, sar l-ewwel *outreach* nisrani. Nhar Pentekoste, permezz tal-inżul tal-Ispirtu Santu fuq l-appostli u tal-aċċettazzjoni Tiegħu fihom, l-appostli fil-waqt li mtlew bil-kuraġġ, saru aktar sensittivi għall-bżonnijiet tas-soċjeta` ta' dak iż-żmien. Soċjeta' xejn differenti minn tagħna, soċjeta' pluralista, fejn il-poplu ta' kull ġens kellu ħafna mistoqsijiet frott mhux biss tal-istess natura tal-bniedem, imma wkoll tal-filosofiji eżistenti li kienu jinfluwenzawh u jisfidawh.

F'Pentekoste, l-Ispirtu Santu, Ruħ il-Qodos, kompla **integra, affirma u ikkonferma** t-tagħlim, il-messaġġ , il-missjoni u l-istess presenza ħajja u reali ta' Ġesu' Kristu – Persuna –Alla. Kien b'dan il-kuraġġ u b'din is-sensittivita', b'qalb mimlija mħabba, li l-appostli, l-ewwel komunita' nisranija, l-ewwel Knisja marret qalb il-poplu biex tisimgħu u twassalu l-messaġġ tal-Bxara t-Tajba : li Ġesu' Kristu veru Alla u Veru Bniedem, inkarna, twieled, għex, ħadem, għallem, bata u miet fost il-bnedmin u għall-bnedmin. Fit-Tielet jum Qam mill-mewt u din hija l-qofol tal-fidi Nisranija. Il-qofol tat-tama Nisranija !

Jekk ikollna nagħtu festa liturġika lis-Sagramenti, partikolarment lil żewġ sagramenti, nistgħu ngħidu li l-Għid il-Kbir huwa l-festa tal-Magħmudija, filwaqt li Pentekoste huwa marbut mas-

[1] Ara Katekekiżmu tal-Knisja Kattolika, par. 767, 768

Seg Katekezi Sezzjoni Adolexxenti

**Renewing our Church will mean renewing our parishes !** ( Yves Congar)

Sagrament tal-Griżma tal-Isqof; huwa permezz ta' dan is-Sagrament li l-individwu juri ix-xewqa li jrid ikompli jikber, jimmatura fil-fidi nisranija. Kollox jiddependi, kemm l-indivdwu jkun għatxan li jkompli jiskopri s-sagru f'ħajtu, kemm irid ikompli jiskopri l-fidi tiegħu; kemm irid ikompli jiskopri l-presenza u l-esperjenza ta' Ruħ il-Qodos f'ħajtu.

Il-Protagonista prinċipali ta' Pentekoste huwa l-Ispirtu Santu - l-Ispirtu kreattiv fil-bniedem u fil-Knisja. Huwa dejjem innovattiv, jimxi mal-esperjenza u ċ-ċirkustanzi tal-bniedem u tal-Knisja, kemm il-darba il-bniedem u l-Knisja jkunu miftuħa għall-kreattivita' u l-innovazzjoni Tiegħu ! Huwa Spirtu pro-attiv, li joffri enerġija qawwija, qaddisa, attwali lill-bniedem u lill-Knisja biex l-individwu u l-komunita` nisranija jkollhom esperjenza ħajja u reali tal-Bxara t-Tajba ta' Ġesu' Kristu fid-dinja tal-lum. Huwa dan l-Ispirtu Ħaj u Qaddis li jgħin lill- bniedem u lill- Knisja jiffaċċjaw l-isfidi tal-llum fi klima u attitudni Trinitarja – f' komununjoni djalogattiva.

## 5. <u>Nistħarrġu u nirriflettu</u>

Pentekoste, hija l-festa tiegħek llum !

- Bħala adolexxent li diġa` għamilt il-Griżma tal-Isqof, tixtieq, trid, li tkompli tiskopri s-sens tas-sagru f'ħajtek ?
- Trid tibqa' mixi fil-ħajja spiritwali tiegħek ?
- Pentekoste jitqies bħala s-siġill tal-eżistenza uffiċċjali tal-Knisja, ta' l-ewwel komunita' nisranija .

- Tħossok membru ħaj, attiv tal-komunita` nisranija fil-parroċċa tiegħek ?
- X' qed jurtak biex ma tħossokx parti minn din l-komunita' nisranija ?
- Tħoss li hemm spazju għalik, għalikom bħala adolexxenti fil-parroċċa?
- Kapaċi ssemmi xi ħaġa pożittiva li tara fil-komunita' nisranija , fil-parroċċa tiegħek ?
- Bħala adolexxent x'lest li tagħmel biex issaħħaħha din il-komunita` ?

Seg. Katekezi Sezzjoni Adolexxenti

- Tħossok nisrani tassew , jew tibża' tgħid li inti nisrani, anzi xi kultant tibża turi twemmink quddiem sħabek ?



## 6. Niddiskutu

- Bosta adolexxenti jilmentaw li l-Knisja jħossuha il-bogħod minnhom, hija maqtugha mill-kultura tagħhom, saħansitra xi wħud jgħidu li ma tappellax għalihom...inti x'qed tfittex u x'tixtieq mill-Knisja

- Tħossha ħaġa ħafifa li tiġġudika xi membri tal-komunita' nisranija, li tipponta subgħajk lejhom? Faċli għalik li ssib elf skuża sabiex tiġġustifika l-bruda u l-indifferenza tiegħek lejn il-Knisja u lejn il-komunita' nisranija ?

- Il-komunita' nisranija, il-Knisja, għax magħmula mill-bnedmin, minnek u minni fost l-oħrajn, għandha d-djufijiet tagħha, n-nuqqasijiet tagħha, quddiem dawn ir-realtajiet kif tħossok.?

- Temmen li xi kultant, bħala komunita' nisranija, mhux la kemm inbaxxu rasna biex naċċettaw it-tajjeb ta' l-oħrajn anke jekk dan it-tajjeb jiġi minn nies ta' kultura differenti minn taghna ?

- Lest li tagħti xhieda ta'dak li temmen fih, fost sħabek,mhux bil-fors bil-kliem, għax mhux dejjem hu possibli, imma almenu bl-imġieba tiegħek ?

- Qatt ħsibt fil-verita' li l-Knisja hija Qaddisa wkoll ?

- Realta' li għandek tkun taf u tiddiskuti sewwa: Taf li inti mhux biss inti nisrani imma Kattoliku wkoll ? ( ara Katekiżmu tal-Knisja Kattolika (KKK) 830-838)

Seg. Katekezi Sezzjoni Adolexx.eu



## 7. Katekeżi

**Pentekoste** fil-katekiżmu tal-Knisja Kattolika. Ara paragrafi: 730 u 1076

**Nistgħu ngħidu li f'Pentekoste kien hemm dawn l-esperjenzi fil-fidi. Nixtiequ li naqsmuhom magħkom għaliex huma relavanti għaż-żmenijiet tal-lum ukoll.**

- **F'Pentekeste: Ġesu' Kristu sar esperjenza**

F'Jum Pentekoste, permezz tal-inżul tal-Ispirtu Santu u tal-aċċettazzjoni tal-Ispirtu Qaddis f'ħajjithom l-appostli **integraw** t-tagħlim ta' Ġesu' Kristu hekk li beda jsir esperjenza. Ġesu' Kristu u t-Tagħlim tiegħu ma' baqgħux biss xi ħaġa tal-intellet biss, imma twaħħad mal-qalb u beda jsir esperjenza.

- **Pentekoste u l-Inkulturazzjoni**

L-esperjenza ta' Pentekoste, l-ewwel li **ssarfet kien fl-imħabba-** l-appostli ħarġu bi ħġarhom jaqsmu l-esperjenza ta' Ġesu' Kristu ma' l-oħrajn, ma' kull ġens, ma' kull kultura, ma' kull twemmin. Kienet l-ewwel esperjenza ta' **inkulturazzjoni** għaliex kulħadd sema' l-Bxara t-Tajba bil-lingwa tiegħu !

- **Pentekoste u l-*metanoia*: konverzjoni**

F'Pentekoste bdew isiru l-ewwel esperjenzi ta' **konverżjoni** – ta' *metanoia,* l-appostli bil-konvinzzjoni tagħhom, bl-entużjażmu tagħhom; bit-tagħlim u xhieda tagħhom għenu lil ġnus jgħaddu mumenti ta' riflessjoni qawwija, mumenti ta' stħarriġ ta' tfittix personali, mumenti ta' kritika riflessiva. Kienu dawn il-mumenti li ġabu bidla fil-ħsieb u fl-attitudni minn dik pagana għall-dik Kristjana. U għalhekk bosta talbu li jitgħammdu. ( Ara Atti Kap.2: V 41)

Seg.Katekezi Sezzjoni Adolexxenti

- **<u>Pentekoste ġrajja qawwija ta' *Outreach*</u>**

Nhar Pentekoste sar l-ewwel ***outeach. Dan kien*** frott il-proċess kontinwu ta' formazzjoni personali u kollettiva tal-appostli kif wkoll frott ir-relazzjoni ħajja li kellhom ma' Ġesu' Kristu. F'din ir-realta' l-Ispirtu Santu kompla jsaħħaħhom hekk li verament għamilhom 'sajjieda tal-bnedmin'.

- **<u>Pentekoste realta' ta' konvinzzjoni u affirmazzjoni</u>**

F'Pentekoste l-appostli **<u>affirmaw u ikkonfermaw</u>** b'mod indivdwali u anke kollettiv bħala komunita' nisranija – bħala Knisja t-twemmin tagħhom f'Ġesu' Kristu u għalhekk setgħu jagħtu xhieda tiegħu, liema xhieda bil-kelma u bil-għemil wasslithom li taw ħajjithom għalih.

- **<u>Pentekoste storja kontinwa; dejjem fi proċess</u>**

Minkejja li f'**<u>Pentekoste</u>** infakkru wkoll is-siġill uffiċjali tal-eżistenza tal-Knisja, imma **<u>l-istorja (History)</u>** tal-Knisja mhix xi ħaġa li sseħħ darba, fi spazju u żmien determinat, tiġi dokumentata tispiċċa biex tiġi studjata maż-żmien. Hija bil-wisq aktar profonda minn dan. Fil-Knisja Kattolika, dik li tissejjaħ storja, isseħħ kull darba li xi persuna tiddeciedi li tiftaħ qalbha għall-Ġesu' Kristu, li tagħraf bil-għajnejn tal-esperjenza li Alla jħobbha, li l-Ispirtu Santu huwa Persuna-Alla ħaj fiha, li jgħinna tissaħħaħ fil-fidi. Għalhekk Pentekoste jista' jkun kull jum !

- **<u>Pentekoste u s-sejħa tan-Nisrani</u>**

F'Pentekoste seħħet wkoll ġrajja oħra, li r-realta` tagħha tinfthiem aħjar fi żmenijietna. Fi żmien il-ġrajja ta' Pentekoste; l-appostli kien għad ma kellhomx Knisja 'formali' f'isem min jitkellmu. Knisja li kienet uffiċċjalment tirrapreżenthom. Kien permezz tal-konvinzjoni u tal-fidi ħajja bix-xandir tal-Kelma u bix-xhieda ta' ħajjithom fuq livell personali li qanqlu konverzjonijiet tant li l-Knisja bħala komunita' nisranija bdiet tikber. Forsi din ir-realta' hija ħafna attwali għall-żmenijietna, forsi wasal iż-żmien li mhux il-Knisja bħala 'istituzzjoni' b'mod formali tixhed għan-nisrani, imma **kull nisrani** bi kliemu u b'imġiebitu jkun hu xhud awtentiku ta' dak kollu li għalih ġiet imwaqqfa l-Knisja minn Ġesu' Kristu. Din hija l-**vokazzjoni, is-sejħa li toħroġ mill-ġrajja ta' Pentekoste**, liema sejħa li seħħet elfejn sena ilu; imma hija tant u tant meħtieġa fi żmenijietna. Kull nisrani qiegħed jirrapreżenta lil Knisja

Seg.Katekezi Sezzjoni Adolexxenti

li bil-Magħmudija sar membru tagħha u bis-Sagrament tal-Griżma tal-Isqof ikkonferma li lest li jkompli jimxi jkun xhud u membru ħaj u attiv fiha.

- **<u>Pentekoste u r-realta' li l-Knisja hija Qaddisa wkoll.</u>** ( ara KKK: 823-829)

F'Jum Pentekoste dehret wkoll l-aspett **Divin tal-Knisja**. Il-Knisja hija wkoll <u>Divina</u> L-wwelnett kien permezz tal-inżul tal-Ispirtu Santu li l-appostli tbiddlu minn nies beżżiegħa għall-persuni kuraġġużi tant li ħarġu fil-beraħ ixandru lil Ġesu' Krisu, it-tieni, Ġesu' Kristu – veru Alla u veru bniedem, huwa r-ras tal-Knisja. Dan l-aspett Divin tal-Knisja, ma jsarrafx f'xi supremazzija, anzi jsarraf f'umilta', hekk li kull membru jagħraf il-limitazzjonijiet tiegħu u fi spirtu ta' umilta' għall-istess qdusija tiegħu u ta' kull membru, jirrikorri għand Alla għat-tisħiħ tal-fidi tiegħu u tal-vokazzjoni tiegħu bħala nisrani u bhala Kattoliku. (Atti kap. 2: 12-42 ) Skont San Basilju, (wieħed mill-Missierijiet tal-Knisja); **il-Knisja hija moviment tal-Ispirtu**.

***The Church that does not evangelise will fosilise.***

8. **<u>Sfida: Idħol għaliha</u> !!**

- Fittex li tinteressa ruħħek fil-formazzjoni nisranija tiegħek.

-Ipprova kun membru ħaj u attiv tal-komunita' nisranija, il-grupp tagħkom tal-adolexxenti, huwa l-post ideali għal din l-isfida.

- Tiddejjaqx tagħti xhieda ta' dak li verament temmen fih ! Mingħalik li sħabek jidħku bik jew iwarrbuk, imma fil-fond ta' qalbhom jammirawk !

Seg.Katekezi Adolexxenti

- F’isem l-imħabba nisranija, kun miftuħ għall-nies ta’ oppinjoni diversa minn tiegħek ! Pentekoste hu għalik ukoll illum !

## 9. Nagħlqu b’ċelebrazzjoni ta’ ferħ.

**Issir Ċelebrazzjoni ta’ ferħ fejn bħala grupp titlbu lill-Ispirtu Santu jieqaf ma’ kull persuna fil-grupp, mal-Knisja u mas-soċjeta` sabiex il-verita` li l-Ispirtu Qaddis isawwab fil-qalb tkun milqugħa, aċċettata, integrata u ssir esperjenza ħajja. Ammen.**

**(nissuġerixxu li tinxtghel xemgħa kbira, simbolu tal-ilsna tan-nar li niżel fuq l-appostli)**

**Talba:**

**‘ Ejja Spirtu Santu...Ejja...**

**Kun ma’ kull wieħed/waħda minna,**

**Sawwabna fil-ferħ tiegħek,**

**Imliena bl-umilta` ħalli kemm fuq livell personali kif ukoll bħala komunita` nisranija naċċettaw id-djufijiet tagħna , nissaffew minnhom u nkomplu nikbru fl-imħabba tiegħek. Bi Kristu Sidna. Ammen.**

**Titkanta *song* adattata għall-okkażżjoni.**

Seg.Katekeżi Sezzjoni Adolexxenti

**Christians are called to compassion and action**

**(Dietrich Bonhoeffer)**

Aħna rridu mmorru lura għall-Knisja kif tinkixef ftit ftit fl-Atti tal-Appostli: Knisja li tiċċentra madwar is-smigħ u l-qsim tal-Kelma u l-Ewkaristija; Knisja li tikber u titqawwa bl-esperjenza personali ta' Kristu; Knisja li fiha l-membri tagħha mhumiex imfixklin bil-persekuzzjoni iżda jkomplu jixhdu bi mħabba għat-tagħlim tal-Mulej; Knisja li għaddiet mill-umiljazzjoni li ttradixxiet lill-Mulej fil-mument tal-Kruċifissjoni tiegħu għall-umiltà tal-predikazzjoni tal-Kelma bbażata fuq il-qawwa tal-Ispirtu Qaddis aktar milli fuq is-saħħa tal-membri tagħha; Knisja umli biżżejjed biex tagħraf il-fallimenti u d-dnubiet tal-membri tagħha iżda b'saħħitha biżżejjed biex tafda fuq il-preżenza tal-Ispirtu s-Santu; Knisja li ma tfittixx privileġġi iżda tistinka biss biex twassal l-Aħbar it-Tajba tal-Mulej.

(Mons. Arċisqof Pawl Cremona, diskors fuq il-Fosos tal-Furjana - 18.04.2010, miġja tal-Papa f'Malta).

Seg. K... ...enti

Seg.Katekeżi Sezzjoni Adolexxenti